# JIKTEB IS-SEGRETARJU

*Saviour Dimech*



## Tagħrif dwar is-Soċjetà Nicolò Isouard fl-ewwel mitt sena tal-ħajja tagħha

Il-Ħadd, 15 ta' Ottubru, 1871 huwa jum storiku għall-Mosta u l-Mostin kollha. Dakinhar filgħodu l-Isqof ta' Malta Mons. Fra Gaetano Pace Forno kkonsagra l-knisja Rotunda tal-Mosta. Filgħaxija mbagħad il-Banda tal-Mosta tat l-ewwel programm tagħha fil-beraħ biex tkabbar aktar din il-ġrajja. Din is-sena jaħbat il-125 anniversarju ta' dawn iż-żewġ avvenimenti u għalhekk f'Ottubru sejrin isiru l-festi biex jitfakkar il-125 anniversarju tal-ħajja tal-Banda Nicolò Isouard.



*Is-Sur Carmelo Schembri, President tas-Soċjetà Nicolò Isouard minn Jannar 1961 sa ma miet nhar l-20 ta' Settembru, 1977.*

L-istess kien sar f'Ottubru 1971 meta kien ġie mfakkar l-ewwel ċentinarju minn din il-ġrajja storika. F'dik l-okkażjoni s-Sur Carmelo Schembri, li dik il-ħabta kien President tas-Soċjetà Nicolò Isouard, ġabar tagħrif dwar l-istorja tas-Soċjetà li kien ġie ppubblikat fi ktejjeb ta' tifkira. Is-Sur Schembri jistqarr li l-għajn ewlenija ta' l-informazzjoni dwar l-istorja tal-banda kienet minn fomm ix-xjuħ li jiftakru dak li għaddiet minnu s-Soċjetà Nicolò Isouard[1]. Illum wara ħamsa u għoxrin sena dawn kollha mietu u li kieku ma kienx is-Sur Schembri magħhom kien jintilef ukoll dak kollu li kienu jafu dwar is-Soċjetà. Iżda meta wieħed jaqra dak li kiteb is-Sur Schembri mill-ewwel jinduna li huwa kellu wkoll bħala referenza **Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex** (it-tieni ktieb) ta' Rob. Mifsud Bonnici, stampat fl-1957.

Ħafna drabi jiġri li meta jiġi ppublikat xi xogħol ta' riċerka ħaddieħor joħroġ b'aktar informazzjoni dwar dak li jkun ġie ppubblikat u b'hekk toħroġ stampa aktar ċara ta' dak li jkun verament sar fil-passat.

F'din il-kitba jiena sejjer naqbad l-istorja tas-Soċjetà Nicolò Isouard kif kitibha s-Sur Schembri u nikkummenta dwar dawk il-punti li dwarhom ksibna aktar tagħrif jew tagħrif differenti f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena.

## Mro Spiro Zammit

Is-Sur Schembri jgħidilna li bejn l-1901 u l-1903 il-Banda Nicolò Isouard kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Spiro Zammit.

Jidher ċar li dawn is-snin huma żball ta' l-istampa. Rob. Mifsud Bonnici jgħidlina li Mro Spiro Zammit kien surmast tal-Banda Nicolò Isouard bejn l-1891 u l-1893.[2] Qablu kien hemm iż-Żabbari Mro Ġużeppi Micallef bejn l-1888 u l-1890.

Nafu wkoll li fl-1894 Mro Anton Miruzzi beda jidderieġi għall-ewwel darba banda Maltija u din kienet il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta.[3]

## Mro Anton Miruzzi

Fil-kitba tiegħu s-Sur Schembri jgħidilna li fost il-kompożizzjonijiet mużikali li ħallielna Mro Anton Miruzzi hemm l-Innu Nicolò Isouard u l-Innu Santa Marija. Dan ta' l-aħħar huwa ambigwu ħafna għax m'għandna l-ebda innu li jġib dan l-isem. Barra kompożizzjonijiet oħra ta' Miruzzi fl-arkivju mużikali tas-Soċjetà Nicolò Isouard għandna erba' xogħlijiet minn tiegħu li għandhom rabta speċjali mal-Banda Nicolò Isouard u mal-festa ta' Santa Marija. Dawn huma l-Innu tal-Banda bl-isem **Inno Nicolò Isouard**, il-*marcia sinfonica* **Omaggio a Nicolò Isouard**, l-innu grandjuż **Alla Beata Maria Vergine** u l-*marcia religiosa* **O del Ciel Regina**, li għadha tindaqq u titkanta fil-purċissjoni ta' Santa Marija sal-ġurnata tallum.[4]

## Mro Ferdinando Camilleri

Is-Sur Schembri jsemmi li Mro Ferdinando Camilleri kkompona l-**Inno Alla Beta Vergine Maria** u li kien jindaqq u jitkanta fid-daħla tal-purċissjoni ta' Santa Marija. Hawnhekk is-Sur Schembri tfixkel għax, filwaqt li hu veru li fis-snin mgħoddija fid-dħul tal-purċissjoni ta' Santa Marija kien jitkanta l-**Inno Alla Beata Maria Vergine**, dan l-innu kien kompożizzjoni ta' Mro Anton Miruzzi, kif jixhdu l-istess spartiti tal-mużika li fuqhom jindaqq dan l-innu.

Mro Ferdinando Camilleri ħallielna kompożizzjoni oħra. Din hija *marcia religiosa* li tibda bil-kliem **"Con gioia cantiamo"**. Fuq il-qoxra tal-manuskritt oriġinali ta' dan l-innu nsibu l-kliem **"per la banda di Casal Musta"** u **"Agosto 1910"**.[5] L-1910 kienet is-sena meta Mro F. Camilleri ħa t-treġija tal-Banda Nicolò Isouard f'idejh u għalhekk jidher ċar li dan l-innu kien kitbu għall-Banda Nicolò Isouard biex jindaqq u jitkanta fil-purċissjoni ta' Santa Marija tal-Mosta.




*Il-qoxra tal-manuskritt bl-innu **Con gioia cantiamo** li sar fl-1910.*

## Is-Soċjetà Nicolò Isouard bejn l-1914 u l-1922

Is-Sur Schembri jgħidilna li fl-1914 il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard sfaxxa u kellu



*Il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, li ngħalaq għall-ħabta ta' l-1914.*

jagħlaq. Iżda l-Banda baqgħet għaddejja mill-aħjar li setgħet taħt id-direzzjoni ta' Mro Salvu Mifsud. Isemmi li l-kunċerti kienu jsiru fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Iżda bejn l-1918 u l-1922 il-banda donnha raqdet għal kollox. L-istess ħaġa jgħid Rob. Mifsud Bonnici.[6]

Meta bejn Ottubru 1971 u Novembru 1972 l-istorja tas-Soċjetà Nicolò Isouard ġiet ippubblikata fil-gazzetta **Il-Mosta**[7] din il-parti ta' l-istorja kienet il-kaġun li nfetħet korrispondenza bejn **Old Boy ta' l-Oratorju** u s-Sur Carmelo Schembri.

Fl-ittra tiegħu **Old Boy ta' l-Oratorju** jgħid li wara li l-banda ħarġet minn Johnnie's Bar[8] marret għal ftit taż-żmien f'Tony's Bar.[9] Imbagħad f'dar oħra fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.[10] Minn hemmhekk inġarr kollox għall-Oratorju Qalb ta' Ġesù.[11] Jiftakar fl-Oratorju Sala armata bil-bandalora, standardi u affarijiet oħra tal-banda. Skond hu l-banda dejjem ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u f'dik ta' Santa Marija. Jidhirlu li l-banda marret iddoqq ukoll barra mill-Mosta. Jaf li fl-1921, festa tal-ħamsin sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja, il-banda daqqet programm fuq iz-zuntier tal-knisja taħt Mro Salvu Mifsud. Fi żmien Dun Edgar Salomone bħala Direttur ta' l-Oratorju kien isir it-teatrin fil-beraħ u dejjem kien ikun hemm il-bandisti jdoqqu.[12]

Fl-ittra tiegħu ta' risposta s-Sur Schembri jirringrazzja lil **Old Boy ta' l-Oratorju** għat-tagħrif li ta. Fl-istess ħin is-Sur Schembri jgħid li l-postijiet differenti fejn kienet tiltaqa' u tikkunċerta l-banda ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala d-dar uffiċjali tas-Soċjetà.[13]

F'artiklu **Il-Ħajja ta' l-Oratorju** s-Sur Francesco Mangion jgħid li madwar l-1917 is-Soċjetà Nicolò Isouard kienet waslet biex iżżarma. Inġabar kollox fl-Oratorju Qalb ta'



*Il-post magħruf bħala **Tony's Bar**, imżejjen fil-Kungress Ewkaristiku.*

Ġesù. Kienu jsiru l-kunċerti u safejn jaf hu l-banda dejjem daqqet fil-Ġimgħa l-Kbira u f'Santa Marija. Daqqet ukoll f'għeluq il-ħamsin sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fl-1922 il-banda daqqet programm fil-pjazza taħt Mro Salvu Mifsud. Il-bandisti kienu jdoqqu wkoll fir-reċti tat-teatrin waqt l-intervall.[14]

L-aqwa dokument li għandna dwar din il-ġrajja hu kitba minn idejn Dun Edgar Salomone. Din tgħid li fl-1916



*Il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard li nfetaħ fl-1922 fejn is-Soċjetà damet madwar sena.*



*L-Oratorju Qalb ta' Ġesù, li tiegħu Dun Edgar Salomone kien direttur fl-1916 u fl-1917.*

u fl-1917 huwa ġabar il-Banda Nicolò Isouard taħt is-saqaf ta' l-Oratorju u organizzaha taħt id-direzzjoni ta' Mro Salvu Mifsud.[15] Ta' min jgħid li dawk is-sentejn kienu l-uniku żmien li Dun Edgar kien direttur ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Għaldaqstant Dun Edgar ma jsemmix x'ġara mill-banda qabel u wara dawn is-sentejn.

Jekk ikollna nisiltu x'ġara minn dak kollu li ktibt, jidher li għall-ħabta tas-sena 1914 il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, li kien flok id-dar li nbniet m'ilux fi Pjazza Rotunda, kellu jagħlaq probabbilment minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji [16] u nuqqas fin-numru ta' bandisti u soċi, minħabba l-emigrazzjoni. Għalhekk il-propjetà tas-Soċjetà Nicolò Isouard intrefgħet f'maħżen fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.[17] Minn żmien għal żmien il-bandisti baqgħu jiltaqgħu u kienu jsiru l-kunċerti f'postijiet differenti. F'din il-ħabta jissemma Tony's Bar ta' Toni Magri, wieħed mill-bandisti l-aktar attivi tas-Soċjetà.

Fl-1916 bl-għajnuna ta' Dun Edgar Salomone nġarr kollox l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fejn jidher li s-Soċjetà Nicolò Isouard kellha kamra għad-

dispożizzjoni tagħha. Żgur li lill-bandisti żdidilhom il-moral u nistgħu ngħidu li l-banda żiedet l-attività tagħha għax il-bandisti bdew idoqqu fir-reċti tat-teatrin, li kienu organizzati mill-istess membri ta' l-Oratorju.

Wara li Dun Edgar ħalla l-Oratorju għax mar bħala Kappillan fl-Armata Ingliża [18] fi żmien l-ewwel gwerra dinjija, jidher li l-ħajja għall-Banda Nicolò Isouard saret xi ftit aktar diffiċli. Ma nafux jekk il-propjetà tas-Soċjetà baqgħetx fl-Oratorju jew inġarritx x'imkien ieħor. Iżda f'dan il-perjodu jissemmew aktar postijiet fejn il-bandisti kienu jagħmlu l-kunċerti tagħhom. Jissemma maħżen[19] biswit Triq il-Pont, propjetà tal-bandisti aħwa Toni u Ġamri Mercieca. Tissemma wkoll is-sala ta' fuq il-ħanut ta' Toni Magri, li kienet propjetà tal-familja ta' Mro Salvu Mifsud, li kien l-istess surmast tal-banda.[20]

Meta wieħed jiżen dan kollu jsir faċli li jifhem dak li qalu **Old Boy ta' l-Oratorju** u Francesco Mangion, jiġifieri li l-banda dejjem daqqet fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u f'Santa Marija u għamlet programm mużikali fil-ħamsin anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja, li wara kollox kien ukoll il-ħamsin anniversarju ta' l-istess banda.

Dan iwassalna għall-1922 meta l-Banda Nicolò Isouard għaddiet taħt id-direzzjoni ta' Mro Giovanni Vella u daħlet f'każin ġdid.[21]

Jidher għalhekk li bejn l-1914 u l-1922 is-Soċjetà Nicolò Isouard ma kellhiex każin tagħha iżda l-banda, għalkemm naqqset mir-ritmu tagħha, xorta waħda baqgħet għaddejja bid-daqq tagħha.

## Il-Festi tal-75 Anniversarju tal-Banda Nicolò Isouard

Is-Sur Schembri jgħidilna li nhar it-3 ta' Ottubru, 1946 is-Soċjetà Nicolò Isouard ġiet ikkonsagrata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Imbagħad isemmi li l-festi tal-75 anniversarju saru bejn l-14 u l-20 ta' Ottubru, 1946. Fl-14 tax-xahar sar it-tberik tal-bandalora kommemorattiva u żewġ standardi ġodda mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Rob. Mifsud Bonnici jsemmi l-istess dati marbuta ma' l-istess attivitajiet.[22]



*L-Isqof ta' Tralles u Awżiljarju ta' Malta, Mons. Emanuel Galea, ibierek il-bandalora li tfakkar il-75 anniversarju tas-Soċjetà Nicolò Isouard, 20 ta' Ottubru, 1946.*

Mir-riċerka li saret jirriżulta li dawn iż-żewġ dati huma żbaljati. Jekk wieħed iqalleb ftit kalendarju tas-sena 1946 isib li t-3 ta' Ottubru kien il-Ħamis filwaqt li l-14 jaħbat it-Tnejn. Qiegħed ngħid dan għax wieħed mill-ewwel jistenna li attivitajiet bħal dawk li semmejt isiru nhar ta' Ħadd jew f'xi festa u mhux fil-ġranet tal-ġimgħa. Fil-verità dawn l-attivitajiet saru nhar il-Ħadd, 13 ta' Ottubru, 1946. Filgħodu Mons. Anton Buhagiar qaddes fil-każin u saret tqarbina ġenerali. Ġiet imġedda l-Konsagrazzjoni tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[23] Dakinhar stess filgħaxija l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi bierek żewġ standardi ġodda fuq iz-zuntier tal-knisja. Wieħed kien tal-Papa rregalat mis-Sur Anġ Galea, Viċi President Onorarju tas-Soċjetà u l-ieħor tal-Madonna. Wara l-Arċisqof żar il-Każin Nicolò Isouard fejn sar riċeviment u ngħata merħba kbira.[24]

Il-bandalora kommemorattiva li tfakkar il-75 anniversarju tal-banda tbierket nhar il-Ħadd, 20 ta' Ottubru filgħodu mill-Isqof Awżiljarju Mons. Emmanuel Galea.[25] Dakinhar ukoll saret l-inawgurazzjoni tal-plakka kommemorattiva mill-Gvernatur ta' Malta, Sir Francis Douglas.[26]



*Il-Banda Nicolò Isouard fil-Karnival, 1965 bil-kostum **Dandy Girls** ta' Ġanni Bonnici.*

## Il-Banda fil-Karnival

Fl-istorja tas-Soċjetà s-Sur Schembri jsemmi s-sehem tal-Banda Nicolò Isouard fl-karnival. Skond dak li kien ġie ppubblikat fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta **Il-Mosta**, l-ewwel darba li l-banda ħadet sehem fil-karnival kien fl-1960 meta rebħet l-ewwel premju bil-kostum **Mad-daqqa ż-żifna**.[27]

Fl-1964 il-Banda Nicolò Isouard daħlet bit-tema **The Dancing Penguins** u ġiet fit-tielet post. Fl-1965 l-isem kien **Dandy Girls**. Il-banda rebħet l-ewwel post filwaqt li l-karru trijonfali u l-maskri grotteski ngħataw it-tieni premju.[28] Sew **Mad-daqqa ż-żifna** kif ukoll **Dandy Girls** ħoloqhom Ġanni Bonnici.

## Għeluq

Dan it-tagħrif li ktibt dwar is-Soċjetà Nicolò Isouard ikompli jippreċiża l-istorja tas-Soċjetà kif kitibha l-eks President is-Sur Carmelo Schembri. Is-Sur Schembri beda mix-xejn. Ġabar l-

informazzjoni minn dak li kien jintqal minn ġenerazzjoni għal oħra. B'hekk lestielna pedament li fuqu nistgħu nibnu aktar u bis-saħħa ta' aktar dokumentazzjoni u riċerka jista' jkun possibbli għal dawk li jiġu warajna biex ilaqqgħu flimkien il-biċċiet tal-mużajk ta' l-istorja tas-Soċjetà Nicolò Isouard. Żgur li kieku ma kienx is-Sur Schembri li ġabar kif seta' t-tagħrif li ġie ppubblikat fil-ktejjeb ta' tifkira ta' l-ewwel ċentinarju tal-Banda Nicolò Isouard,[29] aħna, wara ħamsa u għoxrin sena, ma konna qatt naslu biex nipproduċu stampa ta' l-istorja tas-Soċjetà. Għaldaqstant inħossuna ferm grati għall-ħidma li kien wettaq l-eks President is-Sur Carmelo Schembri.

## Noti u Riferenzi

1 **Il-Mosta**, Nru 49, p.2, Ittra lill-editur minn Carmelo Schembri.

2 Rob. Mifsud Bonnici, **Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex**, (it-tieni ktieb), p. 74.

3 **San Gejtanu Awissu 1994**, ktejjeb ippubblikat mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun. Artiklu dwar Mro Antonio Miruzzi ta' Joseph Mifsud Matrenza, p. 235.

4 Tagħrif dwar il-kompożizzjonijiet mużikali ta' Mro Antonio Miruzzi jinstab fl-artiklu ta' Grazio A. Grech ippubblikat fil-ktejjeb tas-Soċ. Filarmonika Nicolò Isouard fil-festa ta' Santa Marija 1995, p.61.

5 Noel D'Anastas, Ktejjeb ippubblikat mis-Soċ. Filarmonika Nicolò Isouard għall-festa ta' Santa Marija 1993, p.66.

6 Rob. Mifsud Bonnici, **Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex** (it-tieni ktieb), p.76.

7 L-istorja tal-**Banda Nicolò Isouard tal-Mosta u l-Każin Tagħha** ġiet ippubblikata fil-gazzetta **Il-Mosta** f'dawn il-ħarġiet: Nru 40, p. 3; Nru. 41 p. 9; Nru. 42 p. 9; Nru. 43 p. 3; Nru. 44 p. 3; Nru. 46 p. 5.

8 Johnnie's Bar kien il-fond fejn kien hemm il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard qabel l-1914. Fl-1971 meta s-Sur Schembri kiteb l-istorja tas-Soċjetà Nicolò Isouard l-indirizz ta' dan il-fond kien 210, 212 Triq il-Kbira. Aktar tard l-indirizz inbidel għal 1, 2 Pjazza Rotunda. Fl-1995 dan il-post twaqqa' u floku nbniet dar ġdida. Is-Sur Pacifico Saliba qalli li qabel l-aħħar gwerra f'dan il-lokal kienu jsiru t-tiġijiet u hu jiftakar is-sala l-kbira ta' fuq li mal-ħitan tagħha kien hemm impitter disinn repetut bl-arma tas-Soċjetà Nicolò Isouard.

9 Tony's Bar kien dak il-ħanut li hemm fejn jagħqdu Triq l-Oratorju u Triq il-Kbira. Illum dan huwa ħanut bl-isem **Blossoms** u fih jinbiegħu fjuri u pjanti. Dan il-ħanut kien immexxi mill-bandist Toni Magri, magħruf bħala Toni s-Sold, li kien wieħed mill-aktar bandisti attivi tas-Soċjetà Nicolò Isouard. Għall-ħabta tal-Kungress Ewkaristiku dan il-post kien iservi bħala każin fejn kienu jiltaqgħu xi dilettanti li kienu jippreparaw l-armar tal-festa. Is-Sur Schembri jsemmi dan fl-ittra tiegħu li ġiet ippubblikata fi **Il-Mosta** Nru 49, p. 2. Is-Sur Pacifico Saliba kkonfermali li kien jisma' lil Pawlu Borg (Ta' Kamlata) jgħid l-istess ħaġa.

10 Din kienet dar li llum m'għadhiex teżisti. Qabel ma fl-1945 il-Kav. Carmelo Dimech bena l-villa tiegħu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku hu kien akkwista maħżen kbir li kien il-ħanut tal-ħaddied Toni Mercieca, flimkien ma' żewġt idjar, waħda kull naħa tal-maħżen. Id-dar imsemmija kienet dik bejn il-maħżen u l-fond bin-Nru. 49 li fi tfuliti niftakru forn u ħanut tal-ħobż. Din l-informazzjoni għaddithieli ziti Pawlina Dimech li sa minn tfulitha kienet toqgħod faċċata ta' din id-dar u li tiġi kuġina tal-Kav. Carmelo Dimech.

11 L-Oratorju Qalb ta' Ġesù kien f'dik id-dar kbira li kien bena Mastru Salvu Zahra fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Illum għandha n-numri 191, 193.

12 **Il-Mosta**, Nru. 48 p. 2.

13 **Il-Mosta**, Nru. 49 p. 2.

14 **Il-Mosta**, Nru. 52 p. 4.

15 Biljett miktub minn Dun Edgar Salomone li jinsab fi kwadru li ġie rregalat lis-Soċjetà Nicolò Isouard minn Dun Edgar Salomone nniffsu fil-11 ta' Novembru, 1946. Il-kitba bl-Ingliż hi din: "In 1916-17 rescued Nicolò Isouard Society from dispersal and harboured same with its Banner and Colours and Kit in Boys' Oratory and reformed it under Salvu Mifsud, Mus. Director."

[16] Waqt diskursata li kelli mat-Tabib Ferdinand Calleja nhar l-14 ta' Settembru, 1986 hu kien qalli li, meta ngħalaq il-każin fl-ewwel gwerra l-kbira kienu nbiegħu xi strumenti tal-banda lill-Każin tal-Banda fir-Rabat. L-istess ħaġa kien ikkonfermahieli aktar tard l-eks bandist Giovanni Muscat. Dan il-bejgħ jista' jindika li waħda mill-akbar diffikultajiet li kellha s-Soċjetà Nicolò Isouard f'dik il-ħabta kienet in-nuqqas ta' finanzi.

[17] Din l-informazzjoni kont ħadtha mingħand it-Tabib Ferdinand Calleja, li kien President tas-Soċjetà Nicolò Isouard bejn l-1932 u l-1957. Kien ikkonfermahieli wkoll l-eks-bandist Giovanni Muscat.

[18] Fil-ktejjeb **X'għadda Minni fl-Ewwel Gwerra Dinjija** minn Dun Edgar Salomone HCF, insibu li Dun Edgar daħal **Chaplain** fl-Armata Ingliża fit-13 ta' Novembru, 1917. Siefer lejn il-Lvant Nofsani nhar il-Milied 1917 u ġie lura nhar il-Milied 1919.

[19] Dan il-maħżen kien parti mid-dar fejn kienu jgħixu l-aħwa bandisti Ġamri u Toni Mercieca. Illum l-indirizz tal-maħżen hu 45, Triq Wied is-Sir filwaqt li d-dar iġġib in-Nru 44. L-eks-bandist Giovanni Muscat, li ssieħeb fil-Banda Nicolò Isouard fl-1922 kien qalli li f'dan il-maħżen kienu jsiru l-kunċerti tal-banda. Wara kkonfermajt din l-informazzjoni mas-Sur John Fenech, li jiġi n-neputi ta' l-aħwa Ġamru u Toni Mercieca.

[20] Din l-informazzjoni smajtha għall-ewwel darba mill-eks-bandist Giovanni Muscat. Aktar tard ikkonfermahieli Dun Karm Mifsud, iben Mro Salvu Mifsud. Dun Karm tani wkoll xi tagħrif dwar il-membri tal-familja tiegħu li kellhom rabta mal-Banda Nicolò Isouard. Nannuh, Pietru Pawl, kien idoqq il-fagott u l-baxx u kien wieħed mill-ewwel bandisti li waqqfu l-banda fl-1871. Gian Patist, li kien idoqq il-baxx ukoll, kien jiġi z-ziju ta' Dun Karm. Dan kien xi tletin sena akbar minn Salvu, missier Dun Karm, u meta miet kellu anqas minn erbgħin sena.

Ċensu kien idoqq l-obwe u kien jiġi wkoll iz-ziju ta' Dun Karm.

Ziju ieħor ta' Dun Karm kien il-qassis Dun Pawl. Dan kien mużiċista wkoll. Kien idoqq vjolin ma' l-orkestra li waqqaf hu stess. Fost il-mużika li kkompona nsibu **responsorji** għall-Ġimgħa l-Kbira u **marċi funebri** għall-Banda Nicolò Isouard. Salvu kien l-iżgħar fost is-seba' ulied ta' Pietru Pawl. Kien idoqq il-klarinett u beda jidderieġi l-Banda Nicolò Isouard meta kellu xi 21 sena.

[21] Dan il-każin kien f'dar bl-indirizz 293, Triq il-Kbira. Illum din id-dar tifforma parti minn stabbiliment tan-negozju.

[22] Rob. Mifsud Bonnici, **Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex** (it-tieni ktieb), p. 79.

[23] **Leħen is-Sewwa**, Is-Sibt, 19 ta' Ottubru, 1946, p. 4.

[24] **ibid.**

[25] **Times of Malta**, It-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 1946, p. 7.

[26] Tagħrif dwar il-festi tal-75 Anniversarju tal-Banda Nicolò Isouard jinsab ippubblikat f'żewġ artikli ta' Anthony Camilleri - **Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, 1989**, p. 34, u **Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta**, ippubblikat fil-festa ta' Santa Marija 1990, p. 33.

[27] Ċertifikat tal-**Malta Carnival Festivities** li jġib id-data tat-8 ta' Marzu, 1960 u ffirmat mis-Segretarju, Teżorier u President ta' l-istess kumitat. Dan iċ-ċertifikat hu espost fil-każin tal-Banda Nicolò Isouard.

[28] **Il-Mosta**, Nru. 1, p. 2.

[29] Il-ktejjeb ta' tifkira jġib l-isem **Lill-Banda Nicolò Isouard, Ġieħ u Qima, f'Għeluq il-Mitt Sena mit-Twaqqif Tagħha fil-Mosta.**

*Nota*

Fl-artiklu tiegħi bl-isem **Tislima lill-ħbieb u ntietef mill-Istorja** fil-ktejjeb tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard f'Awissu 1993, p. 9, jissemmew l-aħwa Toni u Salvu Mercieca. Dak kien żbaljat. L-ismijiet ta' dawn iż-żewġ bandisti kienu Toni u Ġamri Mercieca, kif jidher f'dan l-artiklu.